20 ta' Ottubru, 1951

Imħallef :

L-Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Grazio Mallia *versus* Avukat Dr. Joseph Cassar Galea et. ne.

**Paternità Illeġittima — Denegata Paternità — Art. 80, 83 u 85 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-preżunzjoni "pater si est quem justae nuptiae demonstrant" hija ammessa sakemm ma jsirux provi kontra tagħha.*

*Imma l-fakoltà tar-raġel li jikkumbatti dik il-preżunzjoni hija konċessa biss fil-każijiet imsemmijin mill-liġi, u ċjoè meta r-raġel, fiż-żmien preskritt mill-liġi, kien separat minn martu u kien fl-impos-*

*sibilità fiżika li jiltaqa' magħha, u dak ta' l-adulterju tal-mara akkompanjat miċ-ċelament tat-twelid tat-tarbija.*

*F'din l-aħħar imsemmija ipotesi, l-adulterju tal-mara u ċ-ċelament tat-twelid tat-tarbija hemm bżonn li jirrikorru flimkien; u meta hekk jikkonkorru, allura r-raġel jista' jipprova wkoll il-fattijiet oħra kollha li bihom jista' juri li huwa mhux missier it-tarbija.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, u peress li fit-2 ta' Awissu 1951 lil Edgarda Mallia twelditilha tarbija adulterina, bl-isem ta' Carmela; u peress li din it-tarbija ġiet reġistrata f'isem l-attur, għaliex il-kuntratt tas-separazzjoni tal-konjuġi Mallia kien għad m'ilux 300 ġurnata publikat; u peress illi l-attur għandu l-provi kollha li l-imsemmija tarbija mhix tiegħu, u anzi huwa kien ilu separat "di fatto" mill-konvenuta Edgarda Mallia għal ferm iżjed minn 300 ġurnata, u f'dan il-perijodu qatt ma kellu kuntatt magħha; (1) jiġi dikjarat minn din l-Onorabbli Qorti li l-attur ma għandux jirrikonoxxi bħala *bintu* l-imsemmija tifla adulterina, konċepita meta l-konjuġi Mallia kienu separati "di fatto"; u (2) dina l-Onorabbli Qorti tordna li l-att tat-twelid riferibili għall-imsemmija tarbija jiġi korrett fis-sens li l-attur ma huwiex missierha, u per konsegwenza l-konvenuta titniżżel bħala mwielda minn missier injot. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta Edgarda Mallia, li tibqa' mħarrka għas-subizzjoni tagħha;

***Omissis;***

**Ikkunsidrat;**

Mill-att taċ-ċitazzjoni jidher li l-attur qiegħed jibbaża l-azzjoni tiegħu ta' denegata paternità tal-minuri Carmela li twieldet fit-2 ta' Awissu 1951 minn martu Edgarda (ara dok. A), fuq il-kawżali li dik it-tarbija ma kienetx frott tiegħu, peress li kien ilu separat "di fatto" mill-konvenuta martu ferm aktar minn 300 ġurnata, u f'dak il-perijodu ma kienx hemm bejniethom relazzjonijiet intimi matrimonjali, u ġiet imniżżla b'ismu, il-għaliex mill-jum 15 ta' Novembru 1950, meta sar per mezz tan-Nutar Dr. Govanni A. Cauchi l-kuntratt tas-separazzjoni bejnu u bejn martu, debitament awtorizzata, u t-2 ta' Awissu 1951, jum meta twieldet it-tarbija msemmija, ma kienux għaddew it-300 ġurnata sabiex il-paternità tat-tar-

bija tiġi reġistrata bħala li kienet imnissla mill-omm u missier mhux magħruf;

Ikkunsidrat;

Illi l-presunzjoni maħluqa mis-sentenza rumana tal-"pater is est quem justae nuptiae demonstrant", u kanonizzata fl-art. 80 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 ta' l-Ediz. Riveduta, hija ammessa sakemm ma jsirux provi kontra tagħha. Tabilħaqq, dina l-fakoltà hija mogħtija lir-raġel miżżewweġ mhux assolutament, imma fl-okkażjonijiet imsemmija fil-liġi, u preċiżament fil-każi ta' l-art. 83 u 85 tal-Kodiċi msemmi. Fil-verità, il-każ maħsub fl-art. 83 (a) tal-Kodiċi msemmi ma jagħmelx għall-każ in diżamina, il-għaliex l-attur, għalkemm, jiġi ammess ipotetikament, kien separat "di fatto" minn martu fil-perijodu msemmi fil-liġi, ma kienx fil-fatt fl-impossibilità fiżika li jgħammar ma' martu, fis-sens li dik l-impossibilità ġiet interpretata, u ċjoè impossibilità fiżika, materjali u assoluta, li minnha titnissel iċ-ċertezza li kien affattu impossibili għalih li jiltaqa' ma' martu (ara Marcadè u Pont, Spiegazione Teorico-Pratica del Codice Napoleone, Vol. III, paġ. 9, kumment għall-art. 312, bin-Noti ta' C. Golia, Napoli 1872). Mhux ozjuż li jingħad li dina hija l-interpretazzjoni l-aktar korretta, kif jidher min-Noti ta' Sir Adrian Dingli għall-art. 83 ta' l-Ordinanza I ta' l-1873, fejn jingħad li dak il-leġislatur fit-test, li allura kien imnissel bl-ilsien taljan, kien għażel il-kelma "lontananza", li stralċja mill-art. 77 tal-Kodiċi Ċivili ta' Parma, flok il-kelma "allontanamento" ta' l-art. 162 tal-Kodiċi Ċivili Taljan, u "assenza" ta' l-art. 312 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż; u l-istess kelma "lontananza" (ta' l-art. 77 tal-Kodiċi Ċivili Parmensi), kif kellha okkażjoni tirriskontra din il-Qorti fil-Ġurisprudenza Taljana, ġiet dejjem interpretata bħala impossibilità fiżika, assoluta u materjali, u mhux biss sempliċi impossibilità morali, kif jidher mis-sentenza tal-Kassazzjoni ta' Torin tal-31 ta' Diċembru 1886 in re Calcagnini Estense kontra Licelli, publikata fil-Foro Italiano ta' Ruma, fil-Vol. Annu 1877—I—220;

Lanqas l-ipotesi mdaħħla fil-kelma sottolineata tal-kliem "minħabba xi 'accident' ieħor" ma tikkalza mal-każ in diżamina, skond in-Noti ta' l-istess Sir Adrian Dingli, li ta lil dik l-istess kelma l-intendiment ta' "incapacità di generare", u

ġeneralment mutilazzjoni, fuq l-awtorità tal-Marcadè (ara opera ċitata, loco citato, paġ. 10). Ugwalment jingħad li ma jaqbelx il-każ imdaħħal taħt l-art. 83 (b) tal-Kodiċi Ċivili, il-għaliex bejn il-25 ta' Ottubru 1950 (il-maximum ta' 300 ġurnata qabel it-twelid tat-tarbija) u l-25 ta' Frar 1951 (il-minimum ta' 180 ġurnata) l-attur, li sseparà ruħu legalment minn martu fil-15 ta' Novembru 1950, ma kienx fil-perijodu kollu fuq imsemmi legalment separat minn martu, eskluża bħala li mhix allegata t-tieni ipotesi tas-subinċiż imsemmija fil-liġi;

Dik il-preżunzjoni legali jew kondizzjoni legali definita tan-nuqqas ta' koabitazzjoni bejn il-miżżewġin Mallia, kwindi, ma tistax tiġi miġjuba 'l-quddiem mill-attur; il-għaliex, kif jidher mill-istess att taċ-ċitazzjoni, ma tissorreġġix lill-attur fl-azzjoni tiegħu (ara opera ċitata, volum ċitat, paġ. 17-19, para. IV, Kumment għall-art. 313 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż, u Del Vitto, Commentario del Codice Civile, Vol. I, Kumment għall-art. 163 tal-Kodiċi Ċivili Taljan, paġ. 651-652);

Illi l-okkażjoni l-oħra kontemplata fil-liġi sabiex tiġi kombattuta l-preżunzjoni tal-massima "pater is est ecc." hija dik imħaddna mill-art. 85 tal-Kodiċi Ċivili. L-estremi ta' dina l-azzjoni huma l-adulterju, kif ukoll il-moħba tat-twelid tat-tifel; u dawn iż-żewġ fattijiet a bażi ta' l-azzjoni ta' diskonoxximent għall-adulterju, skond kif jiftiehem l-artikolu in diskussjoni, ikunu jippermettu lir-raġel miżżewweġ li jġib kwalunkwe fatt ieħor ("il-fattijiet l-oħra kollha", tgħid il-liġi) li bihom huwa jkun jista' juri li huwa mhux missier it-tifel. Jingħad ukoll li, a differenza ta' l-artikolu preċedenti, li jikkontempla biss l-impossibilità fiżika, skond il-loġika sorretta mill-awtorità, hawn tidħol però l-impossibilità morali li minnha titnissel l-inverosimiljanza tal-paternità fir-raġel miżżewweġ, korroborata mill-adulterju u miċ-ċelament jew okkultazzjoni tat-twelid tat-tfal mhux rikonoxxuti (ara Marcadè u Pont, op. ċit., paġ. 13 u 14 u 15, Kumment għall-art. 313 para. 10; ara Prim'Awla Ċivili 8 ta' Marzu 1858 in re "Salnitro vs. Depiro", Vol. II, paġ. 238, col. 2da, in pr.);

Illi ġie deċiż li l-konsegwenza loġika ta' dina l-aħħar dispożizzjoni hija li ma huwa ta' ebda ġjovament għall-azzjoni ta' diskonoxximent li ssir biss il-prova ta' l-adulterju, ammenokkè l-istess ma tiġix akkumpanjata minn dik taċ-ċelament tat-

twelid; f'liema każ ta' fattijiet konkorrenti, ir-raġel miżżewweġ jista' jipprova wkoll il-fattijiet l-oħra kollha li bihom jista' juri li mhux missier it-tifel. Iż-żewġ fattijiet ta' l-adulterju u ċelament iridu jikkonkorru għall-proponibilità ta' l-azzjoni ta' diskonoxximent; il-għaliex fil-liġi m'humiex apposti f'sens ta' ordni prestabbilit suċċessiv fil-prova tal-fattijiet kapitali, imma huma bic-ċar imqiegħda bħala kondizzjonijiet konkorrenti (ara Kassazzjoni ta' Torin 31 ta' Lulju 1869, in re F. vs. G., konfermanti s-sentenza ta' l-Appell ta' Bologna tat-13 ta' Ġunju 1868 (Giurisprudenza Anno 1869, paġ. 648; u Prim'Awla Ċivili 15 ta' Jannar 1877 "Scerri vs. Diacono", Vol. VIII, paġ. 28, Kolonna 1; Appell 22 ta' Novembru 1882 in re "Sbezzo utrinque", Vol. IX, paġ. 798, Kol. 1 fil-qiegħ, u Kol. 2 fil-bidu);

Illi l-art. 89 u 90 tal-Kodiċi Ċivili ma jagħmlux għall-każ, għalkemm huwa ta' min jaċċenna, sabiex tiġi riżaltata l-armonija tad-dispożizzjoni tal-liġi, li fl-aħħar artikolu fuq imsemmi terġa' tissemma bħala fiżika impossibilità u lontananza imsemmija fl-art. 83 tal-Kodiċi imsemmi;

Illi l-kawżali mniżżla fl-att taċ-ċitazzjoni, u ċjoè l-fatt tas-separazzjoni materjali tal-miżżewġin Mallia akkoppjat malfatt li jitnissel mill-kontenut ta' l-istess att taċ-ċitazzjoni, fis sens li l-attur qatt ma għex u għammar ma' martu għal 300 ġurnata qabel it-twelid tat-tarbija "de quo", jekk jista' forsi nduttivament iwassal għall-kawżali ta' l-adulterju, fil-fatt ma jistax iwassal għaċ-ċelament tat-twelid tat-tarbija, li huwa, kif intqal fuq, l-element konkorrenti għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni odjerna—fattijiet li meta biss jiġu dedotti jammettu l-fattijiet l-oħra sabiex tiġi sostnuta l-azzjoni tar-rikonoxximent, kif fuq intqal;

Illi l-ittra li tinsab fir-Reġistru ta' dina l-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Volontarja tagħha, wara r-rikors tat-12 ta' Lulju 1951, apparti l-kontenut tagħha, fil-ħsieb tal-Qorti ma tiġġjovax lill-attur għar-riparazzjoni tan-nuqqas fuq imsemmi (ara Sekond'Awla, inkartament dwar id-digriet no. 1045/51);

Illi t-tieni talba kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, apparti kwalunkwe kwistjoni legali li qamet għall-validità tal-proponiment tagħha, u li tista' tqum dwar l-opportunità ta' l-eżerċizzju ta' talba simili di fronti għall-konsegwenzjali eżekuzzjo-

ni ta' l-ewwel talba li tkun ġiet promossa b'suċċess, kwistjonijiet li mhux hawn il-lok li jiġu diskussi, kif sejjer jidher aktar tard, bħala li hija subordinata għall-ewwel talba, għandha jkollha l-istess sorti tagħha; il-għaliex ma għandhiex ħajja legali indipendenti u awtonoma;

Illi kwindi l-azzjoni attriċi dwar l-ewwel talba, kif ġiet proposta, mhix sorretta mill-liġi;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talbiet attriċi; l-ewwel waħda minħabba l-mod kif ġiet proposta, u t-tieni waħda bħala direttament dipendenti mill-ewwel waħda; u konsegwentement tillibera lill-konvenuti mill-ħelsien tal-ġudizzju; riżervata lill-attur, "si et quatenus", kwalunkwe azzjoni oħra;

L-ispejjeż jitħallsu mill-attur.